CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

Il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fi 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jane Attard – Kunsilliera
Camille Scerri - Kunsilliera

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa.

**46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

45.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija ta' Jane Attard u Camille Scerri u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

46.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

46.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

46.3.1 Is- Sindku talab lis- SE biex il-*gate* li qiegħed fi Ġnien Howard wara l-*gazebo* jibda jinfetaħ għal pubbliku biex ikollu aċċess aħjar għal Gnien il-Foss u jingħalaq filgħaxija.

46.3.2 Is- Sindku talab lis- SE biex għal Jannar jitqabbad il-handyman biex jitneħħew il-ġebel li jinsab fil-ġnien z-zgħir ta' Howard Gardens.

46.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas- Sur Cleavon Vella f'isem Carpe Diem Productions fejn huwa wera x-xewqa li l-Ħadd 9 ta' April 2017 tittella ġewwa l-Mdina l-Passjoni ta' Kristu f'diversi toroq. Huwa qal li filwaqt li bħala Kunsill nixtiequ ngħatu s-support fl-istess ħin irridu naraw l-interessi tar-residenti li ma jiġux effettwati min dan u li jekk issir, ma jridx ikun hemm ebda ostakoli. Ix-xahar d-dieħel huwa ser jerġa jkollu laqgħa miegħu u jirreferi lura l-Kunsill.

46.3.4 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li l-lampi l-ġodda li nxtraw mill-Kunsill wara li ngħatajna għotja ta' € 5000 mill-WasteServ twaħħlu fil-ġnien z-zgħir ta' Howard Gardens..

46.3.5 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li wasal z-zmien li l-kamra z-zgħira li tagħha għandna l-pussess li tinsab fil-Ġnien Howard Gardens, naraw l-possibilita li din tiġi sfruttata għal post kummerċjali biex din tkun tista' tinkera. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u fil-mument opportun jinbeda' l-proċess.

46.3.6 Is- Sindku talab lis- SE biex jibgħat għal darb'oħra reminder lid-Direttur Ġenerali tal-Lands Department fir-rigward ta' Casino Notabile. Huwa xtaq jirrimarka li b'dispjaċir ilna minn Ottubru li għadda li bgħatna għal approvazzjoni wara li kellna in-*No Objection* mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali imma jidher li mhu qed isir xejn.

46.3.7 Is- Sindku talab lis- SE biex jikteb lir- Restoration Unit fir-rigward tat-tkomplija tar-railings fejn it-Tomba.

**46.4 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

45.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**46.5 Ċirkolari 43/2016- Allokazzjoni Finanzjarja għal 2017**

46.5.1 Is- Segretarju Ezekuttiv ressaq għal attenzjoni tal-Kunsill ċirkulari nru 43/2016 mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fir-rigward ta' l-allokazjoni għas-sena 2017. Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-Kamra draft badgit għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill fejn dan id-draft ġie diskuss. Is- SE għarraf lill-Kunsill li sakemm id-deficit tal-Kunsill jiġi ndirizzat kollu ma jistgħux isiru proġetti kapitali.

46.5.2 Il-Kunsill approva dan id-draft u għandu jitressaq għal approvazzjoni uffiċċjali fil-laqgħa li jmiss.

**46.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

46.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib iddata tal-15 ta' Diċembru 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 23,274.49.

46.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Maryann Sultana li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joseph Debono. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l- ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**46.7 Ħatra tal-Bord ta' l-evalwazzjoni għal kwotazzjoni fuq leasing ta' photocopier;**

46.7.1 Is- SE talab li jinħatar Bord ta' Evalwazzjoni għal aġġudikazzjoni fuq *leasing* ta' *photocopier*.

46.7.2 Il-Kunsill ddeċieda li jaħtar lis- Sur Peter Sant Manduca, Joseph Debono u s- Sinjura Mary Ann Sultana bħala membri u s- Sur Mark Mallia bħala c-ċhairman tal-Bord.

**46.8 Talba minn Transport Malta għal-introduzzjoni ta' electric *power assisted cycles* ġewwa l-Mdina**

46.8.1 Prezenti għal din il-laqgħa kien hawn is- Sur Ronald Attard Pullicino minn Transport Malta. Huwa qal li fir-rigward tat-talba għal introduzzjoni għal electric power assisted cycles ġewwa l-Mdina, dawn jaqgħu taħt il- 250 W Power Assisted Bycicle Taxi Service Regulations. Minnhom diġa hawn jaħdmu gewwa il-Belt Valletta.

Transport Malta huma konxji mill-fatt li LN 65/27 li tittratta l-aċċess għal vetturi ġewwa l-Mdina ma tgħatix lok għal dawn it-tip ta'vetturi li jidħlu l-Mdina pero' klawsola 4(1) tippermetti lill-Kunsill li joħroġ permess speċjali biex jidħlu tipi oħra mhux elenkati fil-LN.

Għaldaqstant it-talba ta' Transport Malta hija li l-Kunsill jistħarreġ din il-possibilita u ssir bi prova b'ċertu kundizzjonijiet abbinati ma dan il-permess li ma jkunux ta' inkonvenjent għal min jghix jew jidħol ġewwa l-Mdina.

46.8.2 Is- Sindku fl-opinjoni personali tiegħu jaħseb li la darba jingħata permess lill-wieħed allora ma jzomm xejn lil dak li jkun li hekk kif ingħata permess speċjali lil persuna A japplika għal dan il-permess biex jingħata l-possibilita hu ukoll li jintroduċi xi tip ta' vetturi oħra mhux elenkati fil-L.N. L-Mdina minħabba ċ-cokon tal-lokalita ma tiflaħx għal aktar inġenji ġewwa l-belt

Minħabba l-assenza ta' zewġ kunsilliera waqt din il-laqgħa, s- Sindku nfurma lis- Sur Attard Pullicino li ser jiddiskutu bħala Kunsill din it-talba u tingħata tweġiba uffiċċjali.

**46.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

46.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 17 ta' Jannar 2017 fit-3pm

____IFFIRMATA_______
Peter Sant Manduca
Sindku

_____IFFIRMATA_______
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 17-01-2017_______